



---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

---

**2016/0374(CNS)**

26.4.2017

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi  
(COM(2016)0758 – C8-0529/2016 – 2016/0374(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Bogdan Andrzej

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Għan u kamp ta' applikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni hija parti minn pakkett usa' dwar il-VAT imfassal biex ir-regoli tal-VAT jiġu adattati għar-realtajiet ta' ekonomija dejjem aktar diġitali. Il-pakkett kollu jfittex li jnaqqas l-ispejjeż tal-konformità u l-kumplessità għan-negozji, inaqqas it-telf fid-dħul minħabba n-nuqqas ta' konformità għall-Istati Membri u jiżgura li n-negozji tal-UE ma jkunux żvantaġġati meta mqabbla ma' negozji mhux tal-UE minħabba r-regoli tal-VAT fuq prodotti importati. Il-pakkett kien diġà tħabbar fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT.

Il-proposta speċifika biex tiġi emendata d-Direttiva 2006/112/KE ("id-Direttiva dwar il-VAT") tippermetti lill-Istati Membri japplikaw l-istess rata tal-VAT kemm għal pubblikazzjonijiet elettroniċi (pereżempju, kotba elettroniċi, gazzetti elettroniċi u perjodiċi elettroniċi) kif ukoll għal pubblikazzjonijiet stampati. Skont ir-regoli eżistenti, il-pubblikazzjonijiet elettroniċi huma meqjusa bħala "servizzi furnuti b'mod elettroniku" u għaldaqstant huma soġġetti għal rata tat-taxxa minima ta' 15 %. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jistgħu jimponu taxa fuq il-pubblikazzjonijiet fiżiċi b'rata mnaqqsa (minimu ta' 5 %), filwaqt li xi Stati Membri ngħataw id-dritt li jinżlu għal inqas minn 5 % (rati mnaqqsa ħafna) jew anke li japplikaw rati zero għal ċerti pubblikazzjonijiet.

Għaldaqstant, il-proposta tipproponi aġġustamenti tekniċi żgħar għad-Direttiva dwar il-VAT biex tippermetti lill-Istati Membri japplikaw rati mnaqqsa, rati mnaqqsa ħafna jew rati zero ta' VAT għall-pubblikazzjonijiet elettroniċi.

### Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur jilqa' l-proposta, li tirrifletti l-fehma li l-Parlament ilu jħaddan żmien twil, li d-distinzjoni fil-liġi tal-VAT bejn il-pubblikazzjonijiet fiżiċi u dawk elettroniċi mhijiex sostenibbli fl-era diġitali. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tistabbilixxi ċarezza fil-mezzi tax-xandir u s-suq tal-kotba, tgħin lin-negozji jesploraw mudelli ġodda (bħal offerti li jikkombinaw kotba fiżiċi u kotba elettroniċi, li qabel kienu impossibbli) u fl-aħħar mill-aħħar tbaxxi l-prezzijiet għall-konsumaturi, u b'hekk ittejjeb l-aċċess għall-kontenut kulturali.

Ir-Rapporteur ippropona żewġ emendi mmirati għall-proposta tal-Kummissjoni. L-ewwel tenfasizza li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tar-regoli tal-VAT bejn il-formats ta' pubblikazzjonijiet fiżiċi u elettroniċi għandu jgħin biex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-investment fil-kontenut kreattiv u b'hekk ittejjeb l-aċċess għall-beni kulturali u l-materjal edukattiv. Ir-Rapporteur jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-rwol dejjem jikber tad-distribuzzjoni ta' kontenut diġitali kulturali u kreattiv fil-faċilitazzjoni tal-aċċess għal materjali kulturali u tippermetti lill-awturi u l-fornituri tal-kontenut jilhqqu udjenzi ġodda u akbar. It-tieni element jikkostitwixxi biss punt ta' kjarifika. Bħalma l-pubblikazzjonijiet awdjo huma attwalment ittrattati għall-finijiet tal-VAT bl-istess mod bħall-pubblikazzjonijiet fiżiċi klassiċi, il-verżjonijiet adattati u awdjo ta' pubblikazzjonijiet elettroniċi għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-pubblikazzjonijiet elettroniċi ordinarji. Dan huwa importanti biex jiġi żgurat li l-

persuni neqsin mid-dawl, b'vista batuta jew li għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din il-bidla fir-regoli tal-VAT. Il-Kummissjoni ċċarat li, skont din il-proposta, il-pubblikazzjonijiet elettroniċi adattati u awdjo jikkwalifikaw għal rati ta' VAT imnaqqsqa. Għaldaqstant, l-emenda għall-premessa hi inkluża biex tenfasizza dan il-punt u tispjega l-ħsieb warajh.

## EMENDA

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-futur tal-VAT<sup>1a</sup>, il-Parlament Ewropew fakkar li waħda mill-karatteristiċi ewlenin tal-VAT hija l-prinċipju tan-newtralità, u, għal dik ir-raġuni, huwa sostna li "l-kotba, il-gazzetti u r-rivisti kollha, irrISPettivament mill-format tagħhom, għandhom jiġu trattati eżattament bl-istess mod".***

---

<sup>1a</sup> P7\_TA(2011)0436.

### Emenda 2.

#### Proposta għal direttiva Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Bi qbil mal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni<sup>8</sup>, u biex jibqgħu aġġornati mal-progress teknoloġiku fl-ekonomija diġitali, l-Istati Membri għandhom jingħataw il-fakultà li jallinjaw ir-rati tal-VAT fuq il-pubblikazzjonijiet pprovduti elettronicament mar-rati tal-VAT aktar baxxi fuq il-pubblikazzjonijiet fuq

2. Bi qbil mal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni<sup>8</sup>, u biex jibqgħu aġġornati mal-progress teknoloġiku fl-ekonomija diġitali, ***sabiex jiġu stimulati l-innovazzjoni, il-ħolqien, l-investiment u l-produzzjoni ta' kontenut ġdid, u sabiex jiġi ffaċilitat it-tagħlim diġitali, it-trasferiment tal-għarfien u l-aċċess għall-kultura u l-promozzjoni***

kwalunkwe mezz ta' appoġġ fiżiku.

***tagħha fl-ambjent diġitali***, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-fakultà li jallinjaw ir-rati tal-VAT fuq il-pubblikazzjonijiet ipprovduti elettronicament mar-rati tal-VAT aktar baxxi fuq il-pubblikazzjonijiet fuq kwalunkwe mezz ta' appoġġ fiżiku.  
***Jenħtieġ li d-dħul miġbur permezz tal-allinjament ta' dawk ir-rati tal-VAT elettroniċi u fiżiċi jiġi investit mill-ġdid biex jiġi żgurat it-tkabbir tas-settur.***

---

<sup>8</sup> COM(2015) 0192 final

---

<sup>8</sup> COM(2015) 0192 final

### **Emenda 3.**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw rati mnaqqa, rati mnaqqa ħafna jew rati żero għal publikazzjonijiet stampati u għal publikazzjonijiet elettroniċi jenħtieġ li tiżgura t-trasferiment tal-benefiċċji ekonomiċi kemm lill-konsumaturi, u b'hekk jiġi promoss il-qari, kif ukoll lill-pubblikaturi, biex b'hekk jitħeġġeġ l-investment f'kontenut ġdid u, fil-każ ta' gazzetti u rivisti, titnaqqas id-dipendenza fuq ir-reklamar.***

### **Emenda 4.**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Biex jevitaw l-użu estensiv ta' rati tal-VAT imnaqqsin għall-kontenut awdjoviżiv, l-Istati Membri għandhom

5. Biex jevitaw l-użu estensiv ta' rati tal-VAT imnaqqsin għall-kontenut awdjoviżiv, l-Istati Membri għandhom

jingħataw il-fakultà li japplikaw rata mnaqqa għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi biss jekk dawn il-pubblikazzjonijiet, kemm li għandhom mezz ta' appoġġ fiżiku, kif ukoll li huma pprovduti elettronikament, ma jikkonsistux kompletament jew b'mod predominanti minn kontenut ta' mużika jew ta' vidjo.

jingħataw il-fakultà li japplikaw rata mnaqqa għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi biss jekk dawn il-pubblikazzjonijiet, kemm li għandhom mezz ta' appoġġ fiżiku, kif ukoll li huma pprovduti elettronikament, ma jikkonsistux kompletament jew b'mod predominanti minn kontenut ta' mużika jew ta' vidjo.

***Filwaqt li titqies l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kotba, il-gazzetti u l-perjodiċi għal persuni neqsin mid-dawl, b'vista batuta jew b'diffikultajiet oħrajn biex jaqraw materjal stampat skont it-tifsira tad-Direttiva ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, il-kotba, il-gazzetti u l-perjodiċi elettroniċi adattati u awdjo għandhom jiġu mifhuma li ma jikkonsistux għalkollox jew b'mod predominanti minn kontenut ta' mużika jew ta' vidjo. Għaldaqstant, ir-rati mnaqqa tal-VAT jistgħu jiġu applikati wkoll għal dawn il-formati.***

---

***<sup>1a</sup> Direttiva ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet u materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati għall-ġid tal-persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat u li temenda d-Direttiva 2001/29/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (COM(2016) 596 final, 2016/0278 (COD)) (ĠU ..., p. ...).***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud li japplikaw għall-kotba, għall-gazzetti u għall-perjodiċi
<b>Referenzi</b>	COM(2016)0758 – C8-0529/2016 – 2016/0374(CNS)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 16.1.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 16.1.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Bogdan Andrzej Zdrojewski 15.2.2017
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.3.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.4.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30. -: 0. 0: 0.
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Stefano Maullu, Luigi Morgano, Momchil Nekov, John Procter, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Norbert Erdős, Elena Gentile, Dietmar Köster, Ilhan Kyuchyuk, Emma McClarkin

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

30.	+
ECR	Angel Dzhambazki, Andrew Lewer, Emma McClarkin, John Procter
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
PPE	Andrea Boeskor, Norbert Erdős, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Michaela Šojdrová
S&D	Elena Gentile, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Dietmar Köster, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward, Krystyna Łybacka
Verts/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel
ALDE	María Teresa Giménez Barbat, Ilhan Kyuchyuk, Yana Toom
EFDD	Isabella Adinolfi
ENF	Dominique Bilde

0.	-
-	-

0.	0.
-	-

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0. : astensjoni